24 ta' Ottubru, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Nicola Brincat et.

**Kalunnja — Falsa Denunzja — Diffamazzjoni — Art. 99 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Id-delitt tal-kalunnja huwa l-att ta' min, bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna, jakkuża lil din il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, fil-waqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innoċenti.*

*Il-kelma "jakkuża" għandha tiftiehem fis-sens tal-kelma "jiddenunzja"; u hemm din id-denunzja, meta l-informazzjoni falza tiġi mogħtija lill-awtorità mhux biss volontarjament, imma wkoll spontaneament; b'mod li fl-att tad-denunzjant ikun hemm ċerta inizjattiva.*

*Għaldaqstant, jekk l-informazzjoni falza tiġi mogħtija lill-awtorità mhux spontaneament, imma għax kienet l-istess awtorità li staqsiet għal dik l-informazzjoni, ikun hemm ir-reat tad-diffamazzjoni, imma mhux dak tal-kalunnja.*

Fuq l-attijiet kompilati kontra Nicola Brincat u Pawla Brincat fuq l-imputazzjoni li f'Ħaż-Żebbuġ, fit-2 ta' Marzu 1951, bil-ħsieb li jagħmlu ħsara lil Saver Sciortino, akkużawh quddiem awtorità kompetenti b'delitt, meta kienu jafu li dan kien innoċenti, u barra minn dan, b'qerq, ħolqu u ġiegħlu jidher li donnu kien hemm fatti jew ċirkustanzi sabiex dawn il-fatti jew ċirkustanzi jkunu jistgħu 'l quddiem jisewew bi prova kontra l-istess Sciortino, biex b'hekk dan seta' kontra s-sewwa jiġi akkużat jew misjub ħati ta' reat, u fuq innota ta' l-Attorney General tat-28 ta' Mejju 1951, li biha l-imsemmija attijiet ġew mibgħuta lura lil dik il-Qorti ħalli l-istess tiddeċidi fuq il-ħtija ta' kompetenza tagħha li tista'

tinsab taħt dak li hemm maħsub fl-art. 99 (1) (c) u 107 tal-Kodiċi *Kriminali, barra kull ċirkustanza oħra, il-Qorti* Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-28 ta' Ġunju 1951, sabet liż-żewġ akkużati ħatjin talli fil-ġurnata u post indikati fiċ-ċitazzjoni akkużaw quddiem awtorità kompetenti lil Saver Sciortino ta' reat, u ċjoè li fit-2 ta' Marzu 1951, għal ħabta tat-8.15 p.m., telgħa fuq il-ħajt tal-bitħa tad-dar tagħhom, meta kienu jafu li dana Sciortino kien innoċenti; u wara li rat l-art. 99 (1) (c) u 107 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lil Nicola Brincat għall-piena ta' ħmistax-il ġurnata priġunerija u *għall-interdizzjoni* ġenerali, kif ukoll għall-interdizzjoni li jservi bħala xhud ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja, u bħala perit f'kull każ li jkun, interdizzjoni li għandha tiġi publikata fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-art. 12 (7) tal-Kodiċi Kriminali; u f'lok ma tikkundanna għall-piena lil Pawla Brincat, tillibera taħt il-provvedimenti ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali;

L-akkużati appellaw quddiem dina l-Qorti kontra dik is-sentenza;

Dina l-Qorti rat l-atti kollha tal-kawża, u semgħet sew l-avukat ta' l-appellanti kemm l-Avukat tal-Kuruna;

Qabel xejn, jaqbel li jiġi msemmi li mill-provi rriżulta li Saver Sciortino kien għamel żmien f'relazzjonijiet adulteri ma' mart l-akkużat Nicola Brincat, u kien jagħtiha flus u prodotti tal-għalqa; u wara li dawk ir-relazzjonijiet inqatgħu, fuq rapporti ta' dak Nicola Brincat, Saver Sciortino ġie diversi drabi mħarrek; u b'sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Mejju 1950, dak Sciortino ġie kundannat għal xahar priġunerija u garanzija ta' £100, talli kien insulta u dejjaq b'kitba u disinji oxxeni lil Nicola Brincat u l-familja tiegħu;

Irriżulta mill-provi li fit-2 ta' Marzu 1951, għal ħabta tat-8.15 p.m., l-akkużat Nicola Brincat minn jeddu mar l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żebbuġ, u fil-waqt li kkunsinna lis-Surġent tal-Pulizija Franġisk Calleja revolver, jew "automatic pistol", b'ħames balal u bi skartoċċ sparat u mwaħħal fit-toqba mnejn joħorġu l-iskrataċ sparati, irrapportalu li b'dik l-arma kien għadu kif spara għal Saver Sciortino għax dan kien tala' fuq iċ-ċint tal-ħajt tal-bitħa tiegħu.................

lmsejjaħ il-Għassa, Sciortino ġie mistoqsi, u ċaħad li kien tala' fuq iċ-ċint u li xi ħadd spara għalih; u assigura li kien ilu fis-sodda sa mis-6 p.m. Il-Pulizija immedjatament bdiet l-investigazzjoni, u l-akkużat, mistoqsi mill-Ispettur Coppola, tennielu l-istess storja bid-dettalj. Irriżulta wkoll li l-akkużata ġiet imsejħa l-Għassa, ġiet mistoqsija mill-Ispettur Coppola fuq il-każ, u x'ħin l-Ispettur Coppola qalilha x'rapport kien għamel missierha fuq Sciortino, hija kkonfermatu, u fl-interrogatorju tat id-dettalji;

Mill-provi rriżulta b'mod l-aktar ċar li r-rapport li għamel l-akkużat Nicola Brincat, u l-istorja li fl-Għassa qalet bintu lill-Ispettur Coppola fuq Saver Sciortino, kienu montatura mill-bidu sa l-aħħar. Fil-kawża l-akkużati xehdu, u wettqu b'varjazzjonijiet is-sustanza ta' dak li kienu qalu fl-Għassa; iżda x-xhieda tagħhom ma tiswiex aktar mid-dikjarazzjoni li għamlu fl-Għassa, għax il-provi li nġiebu u ċ-ċirkustanzi li rriżultaw minnhom juru li minn dak li qalu l-akkużati ma kien hemm xejn veru;

U tabilħaqq, id-dar ta' l-akkużati tigi qrib l-Għassa; u intant, fil-ħemda tal-lejl............... u ħadd mill-ġirien ta' l-akkużati ma semgħa ebda tir, ħlief tnejn minn tal-familja ta' l-akkużati, li ma jistgħux jiġu emmnuti............. L-inverosimiljanza ta' dan hija sempliċement lampanti. L-akkużat xehed li t-tir għamel ħoss qawwi, u b'dana kollu la n-nies ta' quddiemhom u lanqas in-nies ta' madwarhom f'dik it-triq, u li kienu mqajmin u f'pożizzjoni li jisimgħu, ma semgħu xejn, kif xehdu huma stess;

*Omissis;*

Irriżulta wkoll li bejn id-dettalji li ta fl-Għassa u dawk li xehed quddiem il-Qorti Nicola Brincat hemm il-kontraddizzjonijiet.............;

Meta wieħed jikkunsidra dana kollu u jara l-assoluta infondatezza tad-denunzja li minn rajh u minn jeddu l-akkużat mar jagħmel lill-Pulizija kontra Sciortino, mhuwiex possibili b'ebda mod li teskludi fl-akkużati x-xjenza tal-falsità ta' dak li qalu lill-Pulizija. Li l-akkużati jbatu bl-alluċinazzjonijiet f'din il-kawża ma rriżultax, u lanqas ma ġie allegat;

L-akkuża li l-akkużat Nicola Brincat għamel, u li l-akkużata Pawla Brincat tenniet u kkonfermat meta ġiet mis-

toqsija mill-Ispettur Coppola, kienet li Saver Sciortino tala' u nstab fuq iċ-ċint tal-ħajt intern li jofroq il-bitħa tagħhom mill-ġnien ta' Ġanni Xuereb.................. Għaldaqstant, ir-rapport falz li l-akkużat Nicola Brincat għamel kontra Sciortino; u li l-akkużata Pawla Brincat, meta ġiet mistoqsija, ikkonfermat lill-Ispettur Coppola, kien ta' delitt u tentativ ta' delitt għad-dannu ta' tnejn minn nies rispettivament. Fuq denunzja ta' delitt simili jista' jiġi provokat proċediment kriminali kontra min ikun ġie denunzjat;

Min jagħmel rapport falz ta' reat kontra xi ħadd, meta jaf li r-rapport huwa falz u ma għandux raġuni jaħseb li ma huwiex falz, għax ikun jaf li dik il-persuna minnu akkużata hija innoċenti, ma jistax ikollu ħsieb ieħor ħlief dak li jagħmilha ħsara — "dolus in re ipsa inest"; u għaldaqshekk jirrikorri d-dolo speċifiku fl-akkużat Nicola Brincat li jagħmel il-ħsara lil Sciortino; u għaldaqstant jirrikorru fil-każ ta' l-akkużat Nicola Brincat l-elementi kollha tad-delitt ta' kalunnja għad-dannu ta' Saver Sciortino;

Kwantu għall-każ ta' l-akkużata Pawla Brincat, il-Qorti jeħtiġilha tagħmel xi riflessjonijiet fuq il-liġi;

Il-liġi tagħna — art. 99 tal-Kodiċi Kriminali — tiddefinixxi d-delitt ta' kalunnja bħala l-att ta' min "bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna, jakkuża lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, fil-waqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innoċenti". Qabel ma saret it-traduzzjoni tal-Liġijiet bil-Malti, u ġie sostitwit it-test Malti għat-test Taljan, il-liġi kienet tgħid "chiunque.................... denunziasse..............." Għaldaqstant, biex wieħed jifhem sewwa l-kliem tal-liġi tal-lum, jeħtieġ jara kif kienet oriġinarjament il-liġi; għax il-Kummissjoni li rrivediet il-Liġijiet attwali tittraduċihom kellha, u mhux temendahom u tbiddilhom. Immela l-kelma "jakkuża" għandha tiftiehem bħala "jiddenunzja", kif kien it-test oriġinali, li kien jirriproduċi l-kliem tal-Kodiċi taż-Żewġ Sqallijiet, li ma jaqbilx mal-Kodiċi Taljan;

Il-kommentaturi tal-Codice delle Due Sicilie u l-kommentatur tal-Kodiċi Tagħna, Dr. Falzon, jaqblu li għall-kalunnja jrid ikun hemm id-denunzja, li fit-test preżenti ġiet imsejħa "akkuża". Igħid Falzon (Annotazioni alle Leggi Criminali, Vol. II, no. 492, paġ. 178) :— "Il primo elemen-

to di questo reato è una denunzia. Portandosi a notizia della autorità competente un reato che fosse stato già commesso, o che fosse per commettersi, da un individuo che non avesse alcun interesse nel fatto, e che non fosse dalla legge obbligato d'ufficio al rivelo, tale informazione è ciò che dicesi denunzia'';

Bosta awturi moderni Taljani li kkommentaw il-liġi Taljana, u bosta ġurisprudenza Taljana moderna, irritenew li huwa suffiċjenti li l-informazzjoni falza, li biha dak li jkun jakkuża bniedem innoċenti ta' reat, tkun ġiet mogħtija lill-awtorità volontarjament, u m'hemmx bżonn tkun spontanea. Dik l-interpretazzjoni hija ċertament adatta ferm għat-test tal-liġi Taljana. Iżda la din hi differenti mil-liġi tagħna, dawk il-kommenti ma nistgħux noqogħdu fuqhom, imma għandna aktar noqogħdu fuq kommentaturi ta' liġijiet bħal tagħna. Issa, fil-konċett ta' denunzja jidher li hemm l-idea ta' ċerta inizjativa; u għalhekk tidher aktar plawsibili t-teorija ta' dawk li jgħidu li d-denunzja trid tkun spontanea, u mhux provokata mill-awtorità. Igħid Falzon (ibid. no. 494, paġ. 180) :— ''Egli è però vero che la denuncia debba essere spontanea, perchè se un individuo, interrogato da un ufficiale della Polizia Esecutiva, gli dice falsamente di essere sciente del reato di cui egli chiede notizia, quantunque possa essere colpevole d'ingiuria, pure non può essere reo di calunnia a senso di questo articolo (autori della Teorica del Codice Penale, Vol. II, Cap. LVII, no. 3100)''. Anki awturi oħrajn li ttrattaw fuq ir-reat tal-kalunnja b'mod l-aktar xjentifiku sostnew l-istess teorija li sostna l-awutr tagħna Falzon (ara Pessina, Elementi, Vol. III, 225; Masucci, Della Calunnia, no. 100; Innamorati, Delitti contro l'Amministrazione della Giustizia, p. 73; Chaveau-Helie, Teorica del Codice Penale, Vol. II, no. 3100);

Fil-każ ta' Pawla Brincat ma jistax jingħad li kien hemm xi inizjativa fir-rapport, jew aħjar fl-informazzjonijiet li tat lill-Ispettur Coppola, u ma kienx hemm il-vera denunzja; għax hi marret l-Għassa għax ġiet imsejħa u mistoqsija, wara li l-Ispettur qalilha x'kien mar jirrapporta missierha, tat l-informazzjonijiet u kkonfermat dak li kien qal missierha, salvi ċerti varjanti fid-dettalji li ma kienux ibiddlu n-natura

tar-reat. Certament anki hi kienet intiża mill-falsità ta' l-informazzjoni, u ma setgħetx kellha intenzjonijiet innoċenti; iżda dak li għamlet hi, għad-differenza ta' dak li għamel missierha, ma kienx jikkostitwixxi d-delitt ta' kalunnja, iżda d-delitt minuri ta' diffamazzjoni, li fih "dolus in re ipsa inest";

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell ta' l-akkużat Nicola Brincat u tikkonferma s-sentenza appellata rigward tiegħu, anki fuq il-piena, għax ma jistħoqqlu ebda klemenza iżjed milli wżat miegħu l-Qorti Kriminali tal-Maġistrati; iżda tiddikjara u tordna li l-interdizzjoni għandha tkun għal għaxar snin biss; u tipprovdi l-appell ta' l-akkużata Pawla Brincat fis-sens li tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitha ħatja ta' kalunnja, u, wara li rat l-art. 265 (1) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-appellanti ħatja ta' inġurja gravi għad-dannu ta' Saver Sciortino, u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu tat lill dik l-akkużata l-benefiċċju ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali.